# Il-Ktieb tal-Programm tal-Festa



*Philip Borg*

**Kull festa fil-bliet u l-irħula tagħna teħtieġ ħidma kbira minn bosta nies. Aktarx li jkun ilhom iħejju xhur sħaħ, bosta drabi b'sagrifiċċju personali u bla ma wisq ikunu jafu bihom ħafna min-nies tal-post. Il-ħidma kollha li twassal għall-jiem tal-festa toħroġ l-aqwa tat-talenti varji f'dawk kollha li jaħdmu għaliha – minn tiżjin, żebgħa u armar, għal kitba, kunċerti, ħdim tan-nar, ġiri għal permessi u elf ħaġa oħra. Dan hu s-sabiħ tal-festi popolari tagħna l-Maltin u l-Għawdxin – il-ħidma volontarja, id f'id, ma taqta' xejn ta' tant nies ġenerużi ta' kull età biex il-komunità sħiħa jkollha xi tgawdi!**

Waħda minn dawn il-ħidmiet hija t-tħejjija tal-Ktieb tal-Programm tal-Festa, ħaġa li fl-aħħar snin kull parroċċa, kull komunità, kull każin u kull għaqda tagħmel ħilitha biex ixxandar. Kotba bħal dawn kien hawn u żdied bil-bosta l-għatx għalihom fost tant dilettanti u kollezzjonisti. Fih innifsu, ma jkollux għajr nofs tużżana paġni li fil-fatt jinkludu l-programm tal-festi interni u esterni. Mill-bqija kotba bħal dawn saru jkunu miżgħudin b'artikli ta' interess ġenerali u tagħrif siewi li jifforma l-*melitensia* – tagħrif riċerkat dwar ġrajjiet, persunaġġi, anniversarji, folklor u dettalji dwar il-festa, dwar il-qaddis/a jew dwar ir-raħal.

## Il-Messaġġi

Drawwa oħra hija s-sensiela twila, litanija ta' "messaġġi" mill-president tal-banda jew għaqda sal-inqas wieħed jew waħda f'xi sotto-kumitat. Ngħid is-sew, xi drabi jkunu messaġġi li ma jgħidu xejn għajr li jiġġustifikaw għala t-tali jew it-talija jippretendu li jkollhom ritratt tagħhom fil-ktieb! Biex ma nsemmix imbagħad ir-redikolaġni ta' ripetizzjonijiet jew fejn ikollok l-istess persuna li ritratt tagħha jidher xi erba', ħames darbiet, daqqa għax delegat, daqqa għax arkivista, daqqa għax ħaġa jew għax oħra!

Għal ħafna mid-dilettanti, dan il-patafjun ta' messaġġi jidhru bħal kantaliena tedjanti jekk mhux ukoll mimlijin kliem taparsi tqil u jiddubitaw jekk min "kiteb" fehemx kull kelma li ħażżeż! Dan apparti l-bombastiċità fil-kliem li jintuża – aħna l-aqwa, aħna l-ikbar, aħna l-isbaħ, aħna l-ewwel, jew, aħna tal-patrun/a (kultant tinkiteb *Padrun* jew *Padruna*!). Dan kliem li jkun aktarx maħsub biex jinki jew ikeskes, l-iktar fejn teżisti iktar minn Banda jew Festa waħda fl-istess raħal – ħaġa ħażina li ebda bniedem responsabbli minn organizzazzjoni hekk kbira m'għandu jippermetti!

Min-naħa l-oħra, kotba bħal dawn jaf ikun fihom minjiera ta' tagħrif li żgur ma kienx jara d-dawl kieku ma jkunux dawn il-Kotba tal-Festi! Dan hu kontribut ta' siwi enormi għal kull min tinteressah l-Istorja jew kif żviluppaw ċerti drawwiet ta' kif kienet issir il-festa, imqabbla ma' kif qed issir illum. Ikun hemm ukoll studji dokumentati dwar irkejjen mhux daqshekk magħrufin fir-raħal jew belt jew persuni li taw sehem uniku li aktarx ma jkunx magħruf biżżejjed. Hu x'inhu, dawn huma siewja biex il-komunità titgħallem, tifhem u tapprezza kif għexu u x'wettqu l-antenati tagħha. Il-kittieba ta' artikli bħal dawn jgħanu l-Ktieb tal-Programm.

## Malti tajjeb

F'kotba bħal dawn xi drabi tispikka l-ħila ta' min jaf jikteb il-Malti tajjeb u bis-sengħa. Hija ħasra, huwa għajb li f'xi wħud mill-kotba jidhru żbalji ħoxnin tal-ortografija, li fis-sew xejn ma jagħmlu ġieħ lill-banda jew għaqda li f'isimha joħroġ il-ktieb! Wisq agħar imbagħad li jkollok taqbiliet fjakki b'kantaliena ta' ftaħir u tifħir bl-addoċċ li jippretendu li jissejħu poeżiji! Jistunaw bil-goff ma' versi miktubin minn poeti tassew tal-affari tagħhom! Li tikteb għax tkun kapaċi hija ħaġa, imma li titqanżaħ biex taparsi taf tikteb hija ħaġ'oħra! Anzi, tqanżiħ bħal dan inaffar lill-kittieba serji milli jagħtu sehemhom!

Dak jew dawk li jkunu nkarigati biex jissawwar



u jitħejja l-Ktieb tal-Festa jixraq li jkunu ħbieb tal-Malti lsienna. Tassew li x-xogħol li jwettqu jkun ilu jinġama' tul xhur sħaħ – ifittxu l-kittieba, ifittxu ritratti addattati, jakkwistaw kmieni l-programm li jrid jixxandar għall-jiem tal-festa, jekk mhux ukoll jistiednu lill-kappillan, sindku u oħrajn biex jibagħtu kelmtejn. Iridu wkoll iħabbtu l-bibien tan-neguzjanti biex jimlew bir-riklami li jsostnu l-ispiża mhix żgħira biex jiġu mitbugħa l-kotba – kultant lussużi żżejjed, bħalma qed ikollna f'idejna f'dawn l-aħħar snin.

## Tifħir

Dawk inkarigati mill-Ktieb tal-Programm tal-Festa ħaqqhom kull tifħir u ħajr għall-biċċa xogħol li jagħmlu. Iżda jridu jifhmu wkoll li d-daqs u l-ħxuna tal-ktieb ma jagħmilx il-valur jew siwi tal-ktieb. Huwa l-kontenut, it-tqassim u l-korrettezza li jagħmluh ktieb tajjeb u ta' siwi. Tkun tassew ħmerija li wieħed jagħmel ktieb oħxon biex sempliċement jippika mal-ktieb tal-każin l-ieħor… tispiċċa tgħid li ma jiswiex ħaqq il-karta li ntużat!

Ktieb tal-Programm magħmul tajjeb għandu jibda b'paġna bid-dettalji ċari dwar min hu l-editur, min għenu, fejn kien stampat, f'isem min inħareġ u werrej informattiv ta' x'se nsibu fil-bqija tal-ktieb. Għandu wkoll iżomm ċar is-sens ta' sekwenza bi kriterju loġiku – artikli marbutin mal-festa, mal-qaddis/a, dawk ġenerali marbutin ma' tagħrif fond dwar il-belt jew raħal jew persunaġġi mill-Istorja u wkoll taqsima b'dawk li tassew jitqiesu bħala poeżiji. Din tkun l-aħjar tiżwiqa u l-iktar waħda bis-sens għal min jaf jara, jaqra u japprezza.

Personalment naf ħafna mill-edituri ta' kotba bħal dawn u rrid insellmilhom għax-xogħol mirqum li jipproduċu. Imma ltqajt ma' oħrajn li jafu biss jippretendu li jafu u għalhekk il-ktieb ma jkunx għajr tqanżiħa. Bħal kull ħaġ'oħra fil-ħajja, għandu jkun hemm spazju għal kull min irid jagħti sehem. Iżda organizzazzjonijiet serji bħalma huma bosta mill-baned tagħna, m'għandhomx iħallu f'idejn dawk li jafu biss jiżżattu biex joħorġu l-Ktieb tal-Programm!

## Il-kitba tibqa'

Fuq kollox il-"ktieb" se jkun mera dejjiema tas-serjetà ta' dik il-banda! Fl-aħħar mill-aħħar, minn dak kollu li jseħħ fil-jiem sbieħ tal-festa, minbarra l-kisbiet spiritwali għall-komunità jew l-individwi, huma dawn il-kotba li jibqgħu jeżistu wara li tgħaddi l-festa għax *'scripta manet'* – il-kitba tibqa'!

Fihom infushom dawn maż-żmien isiru kotba ta' tifkira! U meta jgerrbu s-snin u wliedna jmorru jfittxuhom fuq xi xkaffa, f'xi armarju jew f'xi kexxun, se jkunu jistgħu jaraw l-imgħoddi li sal-lum għadu l-preżent. Imbagħad meta jqallbu l-paġni se jiġġudikaw lilna tal-lum konniex serji, moħħna kienx f'postu jew konniex fanatiċi jew fanfri!

Għada pit'għada, ġenerazzjonijiet li għad jiġu se jqallbu dawn il-kotba lussużi u jleqqu u jaraw x'sugu joħroġ minnhom. Jaraw riklami mlewnin li b'xi mod jirriflettu l-istil tal-ħajja llum. Jaraw minn kien is-surmast jew is-segretarju jew l-iċken assistent sotto-viċi-segretarju tas-sotto-kumitat tas-sezzjoni attivitajiet tal-kummissjoni... ħaġa jew oħra... taqta' nifsek! Iżda, jekk ma jkunux qatgħu qalbhom b'dawn il-kantalieni twal, ikomplu jqallbu biex jaraw u jkejlu, jiżnu u jifhmu min konna, x'konna nemmnu u x'kienu tassew l-għanijiet tagħna fil-festa...